# Fdalijiet Storiċi Li jmorru Lura Sew Fiż-Żmien

Kitba ta'

Wayne Bonello

San Ġiljan huwa raħal magħruf mad-divertiment u l-lukandi. Mhuwiex raħal assoċjat ma' fdalijiet storiċi li jmorru lura sew fiż-żmien. Sal-1800 f'dawn l-inħawi ma kien hawn xejn għajr Palazzo Spinola, il-Kappella tal-Kunċizzjoni, il-Knisja ta' San Ġiljan Ospidalier magħrufa popolarment bħala "Ta' Lapsi" u erba' griebeġ ta' sajjieda u bdiewa imferrxin 'l hemm u 'l hawn. Dari, dawn l-inħawi ma tantx kienu mfittxija minkejja l-ġmiel tan-natura li kien hawn speċjalment b'Wied Għomor.



Il-cart ruts li jinsabu f'Tal-Minsija li sfortunatament għaddew f'idejn il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann riċentament.

Il-fdalijiet li jmorru lura sew fiż-żmien huma fqar fil-kwalità kif ukoll fil-kwalità meta nqabbluhom ma' ta' rħula oħrajn f'Malta. Il-*cart ruts* li nsibuhom f'tal-Minsija jmorru lura għall-preistorja fi Żmien il-Bronż. Nistgħu ninnutaw li dawn "il-kanali tal-karrettuni" jitfaċċaw kull fejn issib xi firxa blat qawwi li mhux mirduma taħt bini u ħamrija. Din turina biċ-ċar li fiż-Żmien il-Bronż bejn l-2300 u 1000 Q.K. kienu digà joqogħdu n-nies peress li dan hu marbut

ma' xi għamla ta' trasport bikri. Il-preżenza tal-*cart ruts* jissuġġerixxi li seta' kien hemm komunità agrarja li setgħu użaw il-widien tal-inħawi bħall-Wied Għomor, Wied il-Ballut u Wied Għollieqa. Dawn l-abitanti setgħu kienu joqogħdu f'għerien bħal dik tas-Santwarju tal-Minsija. Sfortunanatment, riċentament, iż-żona tal-Minsija għaddiet f'idejn il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann u m'għadhiex tagħmel parti mil-lokalità tagħna.



Żewġ oqbra li jmorru lura għal Żmien ir-Rumani li jinsabu f'inħawi Tal-Ballut.

Kmieni fis-seklu għoxrin instabu żewġ oqbra li nkixfu minn P.F. Bellanti li jmorru lura sa Żmien ir-Rumani. Dawn instabu fl-inħawi tal-Ballut sewwasew taħt il-Kappella tal-Kunvent tal-Qalb ta' Ġesù.

Fil-limiti tar-raħal tagħna nsibu fdalijiet li jinsabu fi stat tal-biki. Dan huwa fdal ta' Torri Ruman, wieħed minn tmienja milli għad baqa ġo Malta. Dan jinsab f'Ta' Ċieda, f'tarf Triq il-Korvu fil-Kappara u jmur lura lejn it-tielet seklu W.K. Dan it-Torri baqa' jintuża fi Żmien l-Għarab bħala ċimiterju. Ir-rabta ta' dawn l-inħawi mal-Għarab ma tiqafx hawn fejn tidher biċ-ċar ir-rabta li hemm magħhom bl-ismijiet li ngħataw. Fosthom insemmu lil tas-Sliema, l-inħawi tal-Ballut u Wied Għomor.

Minn din il-kitba nixtieq nirrokamanda lill-awtoritajiet konċernati fosthom lill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan li jiġi elett minna l-Ġiljaniżi, biex jagħtu każ ta' dawn il-fdalijiet storiċi li jagħmlu parti tal-identità tagħna l-Maltin u jsir restawr fuqhom biex ma jinqerdux. Fl-istess ħin dawn il-fdalijiet jistgħu jiġu miftuħa għall-pubbliku b'mod xieraq u jsir xi tip ta' Mużew fuqhom. Nispera li din it-talba li hija x-xewqa ta' tant Ġiljaniżi ma taqax fuq widnejn torox.

*Nixtieq nagħlaq billi nawgura FESTA KBIRA, SABIĦA u NADIFA li tagħmel ġieħ lilna l-Ġiljaniżi u lill-KBIR PADRUN TAGĦNA SAN ĠILJAN!*